MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 615/2004/1

**Philip Grima**

**vs.**

**Jason u Audrey konjugi Camilleri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Philip Grima mid-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-1 ta’ Settembru, 2004;

Rat ir-risposta ta’ l-intimati Chant u Mugliette;

Ikkunsidrat dwar il-pregudizzjali sollevata fl-ewwel paragrafu ta’ l-imsemmija risposta fejn qed tigi eccepita l-irritwalita` u nullita` ta’ l-appell in kwantu dan hu bbazat fuq l-Art. 283A(5) tal-Kap. 12 meta, skond l-istess Chant u Mugliette, l-imsemmi digriet appellat qatt ma seta’ nghata a tenur ta’ l-Artikolu 283A;

Tosserva li r-rikors promotur intavolat minn Chant u Mugliette quddiem il-Prim Awla jipprospetta provvediment taht l-Artikolu 283A jew b’mod generiku sospensjoni fl-interess ta’ l-istess Chant u Mugliette;

Tosserva wkoll illi d-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-1 ta’ Settembru, 2004 ma jindika ebda provvediment tal-ligi li fuqu dik il-Qorti bbazat ruhha biex tat l-imsemmi provvediment;

Billi skond l-Artikolu 283A tal-Kap. 12, li fuqu kienet ibbazata principalment it-talba ta’ l-appellati Chant u Mugliette, kellha tigi segwita procedura specifika li tinkludi smigh fil-Qorti bil-miftugh (Art. 283A(2)), liema procedura ma gietx segwita ghal kollox, din il-Qorti tirravviza certa irritwalita’ procedurali f’dak li sar quddiem l-ewwel Qorti;

Konsegwentement din il-Qorti tipprovdi dwar ir-rikors ta’ appell interpost minn Philip Grima billi, filwaqt li tirrespingi l-pregudizzjali sollevata minn Chant u Mugliette, tiddikjara null u bla effett id-digriet tal-1 ta’ Settembru, 2004 u filwaqt li tqieghed lill-partijiet (u cioe` lil Philip Grima u lil Chant u Mugliette) fil-posizzjoni li kienu fiha minnufih qabel il-pronunzjament tad-digriet imsemmi, tibghat l-atti lura lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex din tipprovdi dwar ir-rikors ta’ Mario Chant u Rachel Mugliette tat-13 ta’ Awissu, 2004 skond il-ligi.  Spejjez bla taxxa.

D

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------